Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 184/2015

Il-Pulizja

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Clara Cilia

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Clara Cilia detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 58790M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Mejju, 2014 ghall-habta ta' 22:45hrs gewwa Zabbar Road, Fgura hebbet ghal persuna ta' Nikhail Karl Spiteri u kkawzatlu offiza ta' natura hafifa hekk kif gie ccertifikat mit-Tabib Robert Patiniott Reg. 1860 tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-Art. 221(1) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(3)(a) u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontriha, izda fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tal-karattru tal-imputata u tac-cirkostanzi li fihom sehh il-kaz, tqis li ma jkunx spedjenti li twahhal piena u ghalhekk wara li rat l-

artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberat lil Clara Cilia bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-llum.

Ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil Clara Cilia bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk taghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun jista' tinghata sentenza ghar-reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta' kondizzjonata, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clara Cilia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-esponenti mhux hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha sempliciment esprimiet illi '. . . mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, hija konvinta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-fatti sehhew skont kif stqarr il-parte civile'.

Illi ciononostante u bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, jigi rilevat umilment illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fl-grad li trid il-ligi ghall-sejbien ta' htija ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-istess esponenti u dan kif ser jigi debitament spjegat permezz tar-rikors odjern.

Illi fil-kamp kriminali l-akkuzat huwa prezunt innocenti sakemm ma jigiex ippruvat il-kuntrarju b'dan illi huwa principju ben risaput illi mm jallega jrid jipprova u ghaldaqstant hija l-prosekuzzjoni li ghandha ggib il-provi li jmorru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni sabiex il-Qorti wara li tkun ezaminat tali provi tkun tista' tasal ghal decizjoni.

Illi minn dan isegwi li meta persuna tkun akkuzata ghal reat kriminali tista' tinstab htija biss fkaz illi l-provi migjuba jwasslu ghall-konkluzjoni li tmur Illi hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-akkuzat ikun ikkommetta r-reat li bih ikun qieghed jigi akkuzat.

Illi l-kaz odjern huwa wiehed ibbazat fuq provi cirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, jehtieg illi l-Qorti tkun sodisfatta li l-istess provi jippuntaw ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss.

Illi bir-rispett jinghad illi fil-kaz odjern l-unika xhieda okulari kienu proprju l-parte civile Nikhail Spiteri, b'dan illi effettivament il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu dwar l-allegat incident kienet diametrikament opposta ghal dik moghtija mill-esponenti.

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva umilment illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min qed jallega. Ciononostante ghalkemm il-parte civile fix-xhieda tieghu ghamel referenza ghal diversi provi li huwa setgha jipproduci sabiex titwemmen il-verzjoni tieghu inkluz dik ta' ommu, li allegatament kienet fuq it-telefon mieghu fil-hin ta' l-allegat incident, kif ukoll provi dokumentarji fosthom ricevuti ta' restaurant li skond l-istess parte civile l-partijiet allegatement marru jieklu fih - liema fatt gie michud mill-esponenti - huwa naqas bl-aktar mod assolut milli jaghmel dan.

Illi fix-xhieda tieghu Nikhail Spiteri xehed illi ommu waqt illi kienet fuq it-telefon mieghu fil-hin ta' l-allegat incident, semghetu jghid lill-esponenti li kienet wegghetu. Ciononostante, huwa ma ressaqx lil ommu bhala xhud sabiex tikkonferma din il-verzjoni.

Illi ulterjorment Nikhail Spiteri fix-xhieda tieghu spjega li fil-gurnata ta' l-allegat incident hu u l-esponenti kienu ghadhom f'relazzjoni bejniethom u li effettivament kienu marru jieklu go restaurant — verzjoni li giet ghal kollox michuda mill-esponenti li spjegat illi r-relazzjoni taghhom kienet diga' ntemmet u li qatt ma waslu fi-ebda restaurant izda baqghu fil-karozza fejn Nikhail Spiteri kien infexx fi kliem hazin U agir aggressive fil-konfront taghha kif fuq spjegat. Effettivament u ghalkemm saret referenza, anke in kontro-ezami ta' l-esponenti, ghal ricevuti tar-restaurant li allegatament marru fih il-partijiet u li skond il-prosekuzzjoni setghu jikkonfermaw il-verzjoni moghtija minn Nikhail Spiteri, tali dokumenti ma gewx esebiti.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jigi rilevat umilment illi ghalkemm liprosekuzzjoni esebit certifikat mediku ta' Dr. Robert Patiniott jigi rilevat umilment illi l-istess certifikat, oltre li ma giex mahiuf u li ulterjorment ma giex ikkonfermat mill-istess tabib, bi-ebda mod ma jikkonferma li l-grif imsemmi gie kkagunat minn terzi b'dan illi ulterjorment huwa mportanti li wiehed jinnota li l-istess certifikat jonqos bl-aktar mod assolut ukoll milli jaghti indikazzjoni ta' fejn kienu jinsabu l-grif allegatement sofferti mill-parte civile.

Illi in oltre l-istess certifikat mediku jikkontradixxi ix-xhieda ta' l-istess Nikhail Spiteri b'dan illi filwaqt illi dan xehed illi huwa kellu grif bid-demm, l-istess certifikat proprju jiccertifika l-kuntrarju.

Illi ghal dak illi jirrigwarda r-rapport tal-Pulizija jigi rilevat umilment illi dan iservi biss sabiex jikkonferma l-verzjoni opposta li taw l-esponenti u l-parte civile b'dan illi jidher car illi filwaqt illi Nikhail Spiteri allega li l-esponenti girfitu u taghtu daqqa ta' sieq fuq il-warrani, l-esponenti minn naha l-ohra stqarret illi hija fi-ebda hin ma hebbet ghall-parte civile liema verzjoni hija regghet ikkonfermat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi effettivament u f'dan ir-rigward jigi rilevat umilment illi l-ufficjal tal-Pulizija in kwistjoni, senjatament PS285 ma giex imsejjah fuq il-post fil-hin ta' l-allegat incident, b'dan illi in oltre kien l-istess ufficjal tal-Pulizija li kkonferma in kontro ezami li

huwa possibilment seta' qal lill-esponenti li kulhadd jista' jaghmel girfa bhal dik li kellu l-parte civile fuqu nnifsu u dan kif fil-fatt ikkonfermat millesponenti u minn missierha Joe Cilia fix-xhieda taghhom li spjegaw illi meta marru l-ghassa sabiex l-esponenti jaghti l-verzjoni taghha tal-fatti l-istess ufficjal tal-pulizija qal lill-esponenti fil-prezenza ta' l-imsemmi missierha li kulhadd jista' jaghmel erbda' girfiet hekk fuqu nnifsu.

Illi bir-rispett jinghad illi fi proceduri gudizzjarji ta' natura kriminali l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li ggib quddiem il-Qorti l-ahjar prova possibli, b'dan illi ciononostante jidher car illi fil-kaz odjern dan il-principju ma giex esegwit mill-prosekuzzjoni.

Illi in oltre u ghal dak illi jirrigwarda c-certifikat mediku l-ahjar prova kienet tkun l-evidenza tat-tabib liema evidenza qatt ma ngabet u dan oltre l-fatt illi, kif spjegat, l-istess certifikat esebit lanqas hiss jikkonferma fejn instabu l-grif fuq il-parte civile u jew li b'xi mod jirrizultaw minn xi terza persuna.

Illi minn naha l-ohra, fuq bazi ta' probabbilita', li hu l-oneru li trid tilhaq id-difisa, gie ppruvat anke fuq bazi ta' buon sens illi l-fatti ma grawx kif spjega l-parte ci vile.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess l-esponenti tirrileva umilment illi kwalunkwe dubju ghandu jopera favur l-akkuzat, b'dan illi bir-rispett jinghad illi l-kaz odjern huwa proprju mimli dubbji partikolarment meta wiehed iqis il verzjonijiet ghal kollox kontrastanti moghtija mill-parte civile U mill-esponenti.

Illi jidher car illi kien hemm kunflitt ta' evidenza u jezisti id-dubbju dettat mir raguni, b'dan illi tali kunflitt ghandu jopera favur l-esponenti stante illi certament ma kienx hemm il-grad ta' certezza li hija rikjesta mill-ligi sabiex l-esponenti setghet tinstab hatja.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-appellanti fejn essenzjalment fl-impunjattiva minnha imressqa hija tilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-

provi li kellha quddiemha u dan ghaliex ma kienx hemm provi fl-atti li jindikaw ir-reita' fl-appellanti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa minn qari tas-sentenza impunjata jidher illi l-motivazzjoni singolari li abbazi taghha l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti kien il-fatt illi l-verzjoni tal-parti leza giet moghtija piz iktar minn dik ta'l-appellanti ghalkemm kien hemm il-kunflitt fil-verzjonijiet moghtija miz-zewg partijiet.

Din il-Qorti kellha x-xorti li tisma x-xhieda mill-gdid u allura tista' tasal biex tistabbilixxi jekk l-Ewwel Qorti setatx abbazi tal-provi li kellha quddiemha tasal legalment u ragjonevolment ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellanti. Fuq

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

kollox l-Ewwel Qorti ma kenitx marbuta *ad validitatem* illi taghti motivazzjonijiet fid-decizjoni taghha dwar dak li wassalha taghti piz akbar lix-xhieda ta'l-parti leza.

Illi sfortunatament l-isfond ta' dan il-kaz isib il-qofol tieghu f'disgwid familjari bejn zewg genituri li ghadhom ma lahhqux kompromess dwar x'ghandu jkun l-involviment tal-missier fit-trobbija tal-minuri binhom. Dan id-disgwid jidher illi inbeda wara illi intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom u kulhadd mar ghal triqtu. Illi fil-jum ta' dan l-incident jidher illi inqala' disgwid bejn din il-koppja dwar il-fatt illi l-omm kienet irregistrat il-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid bhala wild missier mhux maghruf u dwar l-injezzjonijiet li kellu jiehu il-minuri. Jidher illi f'dan l-inkontru l-koppja bdiet tiddiskuti dawn il-kwistjonijiet fejn fost affarijiet ohra l-parti leza beda jinsisti illi l-appellanti taghmel l-emendi mehtiega ghac-certifikat tat-twelid ta' binhom, fejn allura huwa kellu jigi rikonoxxut bhala l-missier. Dwar id-dinamika ta'l-incident il-partijiet iressqu verzjoni kemmxejn kontrastanti b'nuqqas ta' qbil addirittura dwar jekk huma kenux marru jieklu gewwa restaurant bl-isem "del Borgo" f'dik il-lejla o meno, bil-parti civili jishaq illi kien f'dan il-post li huma bdew jillitikaw, filwaqt li l-appellanti tichad dan il-fatt u tishaq illi l-glied beda fil-karozza. Madanakollu hemm qbil dwar zewg fatturi u cioe' illi l-argument sahan filwaqt li kienu fil-vettura, kif ukoll dwar il-fatt illi l-parti leza qabad it-telefon cellulari f'idejh fejn cempel lil ommu. Hawn il-parti leza jikkontendi illi l-appellanti ippruvat tahtaf dan it-telefon minn idejh fejn allura bdiet l-aggressjoni fizika. Ghalkemm l-appellanti tichad illi fil-fatt hija hebbet ghal parti leza f'dan il-mument, madanakollu hi stess tikkontendi illi ma haditx gost meta indunat illi huwa kien qed jirrekordja il-konversazzjoni fuq dan it-telefon cellulari. Fil-fatt tghid illi meta cempel lil ommu semghatu ighidilha dan il-fatt. Huwa ghalhekk verosmili dak allegat mill-parti leza illi din ippruvat tehdolu dan l-apparat cellulari. Abbinat ma' dan imbaghad hemm ic-certifikat mediku ikkonfermat bil-gurament permezz ta'l-affidavit imhejji mit-tabib li irrilaxxjah, flimkien mar-ritratti tal-griehi li jikkonfortaw dan ic-certifikat. Dawn jindikaw il-grif fl-ghonq kif allegat mill-parti leza. Kwindi din il-Qorti ma tarax illi hemm mottiv li igieghla titbieghed mill-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti. Illi l-Ewwel Qorti jidher illi anke fhiemet l-animu ta'l-appellanti f'dan

l-incident tant illi haditu in konsiderazzjoni fl-ikallibrar tal-piena li hija ghal kollox miti.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet dottrinali u fattwali, jidher illi l-appell imressaq ʻil quddiem mill-appellanti ma jisthoqqlux akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur